

Brussell, 12 ta' Marzu 2018
(OR. en)

6912/18

FSTR 8
FC 8
REGIO 11
SOC 127
AGRISTR 15
PECHE 78
CADREFIN 17

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tat-Twettiq u l-Implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) wara l-2020 - Adozzjoni

1. Fis-17 ta' Jannar 2018, il-Presidenza ppreżentat lill-Istati Membri abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tat-Twettiq u l-Implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni u Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) wara l-2020.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet fil-laqgħat tiegħu tat-22 ta' Jannar, is-7 u l-20 ta' Frar u s-6 ta' Marzu 2018. Id-delegazzjonijiet kollha qablu mal-abbozz ta' konklużjonijiet kif jinsab fl-Anness għal din in-nota fi proċedura ta' silenzju li għalqet fid-9 ta' Marzu 2018.
3. Konsegwentement, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex jadotta, bħala punt "A", l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness għal din in-nota fil-laqgħa tiegħu ddedikata għall-politika ta' koeżjoni fit-12 ta' April 2018.

Abbozz ta'

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tat-Twettiq u l-Implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) wara l-2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) IFAKKAR l-ambitu u l-għanijiet tal-politika ta' koeżjoni u l-Fondi FSI kif jinsabu fl-Artikolu 174 TFUE;
- (2) IFAKKAR il-konklużjonijiet tiegħu tal-15 ta' Novembru 2017 dwar Sinerġiji u Simplifikazzjoni għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020¹;
- (3) IFAKKAR il-Konklużjonijiet Finali u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli (HLG) dwar is-Simplifikazzjoni għal wara l-2020²;
- (4) JILQA' r-Rapport Strateġiku 2017 tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej³;
- (5) JIEĦU NOTA tal-valutazzjoni pożittiva f'dan ir-Rapport Strateġiku tal-elementi l-ġodda introdotti fil-perijodu ta' programmar 2014-2020 għat-titjib tat-twettiq, bħal kondizzjonalitajiet ex-ante, l-allinjament ma' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti, l-orjentazzjoni ta' prestazzjoni rinforzata u sinerġiji aħjar ma' strumenti oħra; JILQA' l-progress miksub fl-Istati Membri kollha u l-oqsma ta' politika kollha fir-rigward l-għażla ta' proġetti, u JAPPELLA lill-Istati Membri biex ikomplu jaċċelleraw l-implimentazzjoni u l-infiq bil-ħsieb li jimmassimizzaw il-kontribut tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) għall-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni;

¹ Dok. 14263/17.

² http://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/publications/reports/2017/esif-simplification-hlg-proposal-for-policymakers-for-post-2020.

³ Dok. 15788/17 + ADD 1.

- (6) JIRRIKONOXXI fl-istess waqt il-bidu bil-mod tal-programmi fil-perijodu 2014-2020, u JIEĦU NOTA tar-raġunijiet differenti għal dewmien, bħall-aħħar adożzjoni tal-leġislazzjoni, il-komplessità tar-regoli u l-introduzzjoni ta' regoli ġodda, il-proċeduri li jieħdu ħafna ħin għad-deżinjazzjoni ta' awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif ukoll is-sovrapożizzjoni tal-għeluq tal-perijodu ta' programmar 2007-2013 mal-bidu tal-perijodu ta' programmar 2014-2020; JIKKUNSIDRA għalhekk għad hemm sfidi u tenħtieġ simplifikazzjoni sostanzjali tal-implimentazzjoni tal-Fondi SIE wara l-2020;
- (7) JINNOTA li dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ma jippreġudikaw la l-eżitu tan-negożjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur tal-UE u lanqas dak ta' diskussjonijiet futuri tal-politika ta' koeżjoni wara l-2020;
- (8) JIBQA' IMPENJAT lejn dibattitu politiku regolari fost il-ministri rilevanti fil-Kunsill Affarjiet Ġenerali biex jiġu diskussi l-politika ta' koeżjoni u l-Fondi SIE;

I. Sistema ta' ġestjoni u kontroll ibbażata fuq is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità

- (9) JIKKUNSIDRA li s-sistema tat-twettiq tal-politika ta' koeżjoni wara l-2020 jenħtieġ li tkun ibbażata b'mod qawwi fuq il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, bir-rikonoxximent tar-rwol importanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u r-reġjuni fir-rigward tal-ipprogrammar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-kontroll u l-awditjar; ITENNI l-appell tiegħu lill-Kummissjoni minn Novembru⁴ li għadda li tikkunsidra l-introduzzjoni ta' sistema ta' implimentazzjoni aktar sempliċi bbażata fuq l-applikazzjoni effettiva tal-proporzjonalità, id-dipendenza fuq ir-regoli nazzjonali u fuq sistemi nazzjonali u reġjonali li qed jiffunzjonaw tajjeb, li tista' tiġi adottata mill-Istati Membri u r-reġjuni kollha abbażi ta' kriterji trasparenti, oġġettivi u miżurabbli;
- (10) JISSOTTOLINJA r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu definiti b'mod aktar ċar sabiex jitnaqqsu s-sovrapożizzjonijiet;

⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sinerġiji u Simplifikazzjoni għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020 dok. 14263/17, p. 6.

- (11) JIKKUNSIDRA, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni skont it-Trattati li jiġi implimentat il-baġit f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, li l-kompiti prinċipali tal-Kummissjoni jenħtieġ li jkunu:
- Taqbel mal-Istati Membri dwar l-oġettivi u l-aspetti strateġiċi tal-ipprogrammar,
 - Tissorvelja l-kisba ta' outputs u riżultati tal-programmi, u
 - Tiżgura, flimkien mal-Istati Membri, il-funzjonament effettiv u korrett tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, kif ukoll ġestjoni finanzjara soda, filwaqt li fl-istess ħin tesplora modi biex tittrasferixxi aktar responsabbiltà lill-Istati Membri rigward l-aspetti operazzjonali relatati mal-implimentazzjoni;
- (12) JIKKUNSIDRA li l-ġestjoni u s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, kemm jista' jkun possibbli, jenħtieġ li jiddependu mir-regoli u l-awtoritajiet nazzjonali; JAPPELLA lill-Kummissjoni, b'kont debitu meħud tar-responsabbiltajiet tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit, li tiffoka primarjament fuq sistemi ta' awditjar pjuttost aktar milli fuq proġetti individwali u kontroll fuq l-infiq, li prinċipalment jenħtieġ li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri;
- (13) JIKKUNSIDRA wkoll li għas-sistemi li wrew li jiffunzjonaw tajjeb fil-perijodu ta' programmar 2014-2020 u li ma ġarrbu l-ebda bidla kbira fil-perijodu l-ġdid, il-proċeduri ta' deżinjazzjoni m'għandhomx jiġu ripetuti;
- (14) JIKKUNSIDRA li l-awditi mwettqa mill-Kummissjoni jenħtieġ li jkunu bbażati fuq ir-riskju u jsegwu l-approċċ ta' awditu uniku biex jiġi evitat s-sovra-awditjar; JINKORAĠĠIXXI wkoll lill-Istati Membri li japplikaw approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-verifiki ta' ġestjoni, b'fokus fuq verifiki fejn ikunu l-aktar meħtieġa, u bl-evitar ta' kontrolli estensivi, billi jkopru kull element ta' applikazzjoni ta' ħlas individwali;
- (15) JIKKUNSIDRA li s-sistema attwali ta' aċċettazzjoni annwali tal-kontijiet jenħtieġ li tiġi rieżaminata sabiex jiġi valutat kif il-piż amministrattiv ikun jista' jitnaqqas;

II. Leġislazzjoni simplifikata u programmar flessibbli

- (16) ITENNI li s-simplifikazzjoni tar-regoli hija l-qofol għall-implimentazzjoni f'waqtha tal-Fondi SIE u l-kisba ta' aktar riżultati aħjar tal-politika, u b'hekk tiżdied ukoll l-viżibbiltà tagħha; JIKKUNSIDRA li s-simplifikazzjoni jenħtieġ li sseħħ kemm fil-livell tal-UE u dak nazzjonali;
- (17) JIKKUNSIDRA, li l-leġislazzjoni wara l-2020 jenħtieġ li tipprevedi applikazzjoni mtejbja tal-leġislazzjoni nazzjonali kulfejn ikun possibbli, tkun flessibbli u tiffoka partikolarment fuq l-elementi prinċipali tal-ġestjoni tal-Fondi SIE; dispożizzjonijiet dettaljati għal kull tip ta' każijiet, derogi u linji gwida jenħtieġ li jiġu evitati;
- (18) JIKKUNSIDRA wkoll li l-leġislazzjoni tal-UE wara l-2020, fejn adatt u b'kont meħud tal-ispeċifikitajiet tal-fondi differenti, jenħtieġ li tiżgura l-armonizzazzjoni tar-regoli, il-proċeduri, u d-definizzjonijiet applikabbli għall-Fondi differenti taħt ġestjoni diretta u kondiviża; il-kontenut tar-regoli varji m'għandhomx ikunu sovrapposti u, kull meta adatt u abbażi ta' esperjenzi preċedenti, l-elementi attwali għandhom jinżammu biex tiġi żgurata l-kontinwità;
- (19) IFAKKAR il-pożizzjoni tiegħu li tinsab fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Novembru 2017⁵, li l-applikazzjoni u l-infurzar tal-konformità tar-regoli ta' kompetizzjoni meħtieġa għall-funzjonament tas-suq intern jenħtieġ li tipprevedi trattament konsistenti ta' proġetti simili fil-baġit kollu tal-UE irrispettivament mill-mod ta' ġestjoni, filwaqt li jittieħed kont tal-ispeċifikitajiet tas-settur agrikolu u dak tas-sajd;
- (20) JISSOTTOLINJA li tali armonizzazzjoni tar-regoli li jirregolaw l-Fondi SIE hija importanti biex tkun tista' sseħħ is-sinerġija mill-użu ta' strumenti varji, u b'hekk isir użu sħiħ tal-potenzjal tagħhom; JIKKUNSIDRA li l-oġettivi tal-istrumenti individwali tal-UE jenħtieġ li jkunu definiti tajjeb sabiex tkun żgurata demarkazzjoni aħjar bejniethom; l-approċċ ta' programmar b'fondi multipli għandu jissaħħaħ permezz tal-ħolqien ta' struttura ta' programmi aktar flessibbli li tippermetti l-kombinazzjoni ta' interventi ta' Fondi SIE differenti, filwaqt li l-użu tal-approċċ jenħtieġ li jibqa' fakultattiv;

⁵ Dok. 14263/17, p. 3.

- (21) JIKKUNSIDRA li l-Ftehimiet ta' Sħubija jenħtieġ li jiffukaw fuq objettivi globali u aspetti strateġiċi ġenerali li jaffettwaw l-Fondi SIE kollha, u m'għandhomx ikunu sovrapposti fuq il-kontenut tal-programmi, li min-naħa tagħhom jenħtieġ li jiffukaw fuq aspetti operazzjonali; barra minn hekk, il-format tal-Ftehimiet ta' Sħubija u l-programmi jenħtieġ li jitqassar u jiġi integrat b'mod sinifikanti, u limitat għal dawk l-aspetti ewlenin li għandhom jinqablu bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet tal-ġestjoni u l-Kummissjoni; il-possibbiltà tal-fużjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija mal-programmi jenħtieġ li tiġi esplorata għall-Istati Membri u r-reġjuni bi ftit programmi jew allokkazzjonijiet żgħar ta' fondi;
- (22) JIKKUNSIDRA li jenħtieġ li tiġi żgurata aktar flessibilità fl-ipprogrammar u r-riprogrammar, b'hekk l-Istati Membri u r-reġjuni jkunu jistgħu jakkomodaw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom fi ħdan l-ambitu tematiku tal-Politika ta' koeżjoni;
- (23) JISTIEDEN lill-Kummissjoni tesplora modi li tipprovdi lill-Istati Membri u r-reġjuni b'opzjonijiet biex jirreaġixxu rapidament għal ċirkostanzi imprevisti, jaġġustaw mill-ġdid l-objettivi tal-programmi u jippermettu l-emendar rapidu tagħhom;
- (24) JIKKUNSIDRA li l-użu ta' opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati jenħtieġ li jiġu estiżi fil-perijodu ta' programmar wara l-2020 u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibbiltà li jissaħħaħ l-użu tagħhom, inkluż għall-proġetti soġġetti għal akkwist pubbliku;
- (25) JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha mmirati għall-iżvilupp ta' użu aktar estensiv ta' opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati prekostitwiti u l-ħlasijiet abbażi tal-ilħiq ta' kondizzjonijiet kmieni kemm jista' jkun fil-proċess ta' programmar u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri;
- (26) JISSOTTOLINJA li l-awdituri huma atturi importanti fl-ġhajnuna lill-Istati Membri biex jevitaw l-iżbalji u jevitaw nuqqas ta' ċertezza legali fl-applikazzjoni ta' opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati u JISSUĠĠERIXXI lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jinvolvihom fil-preparazzjoni tar-regoli għall-perijodu wara l-2020 billi jipprovdu rakkomandazzjonijiet, fejn adatt;

- (27) JAPPELLA lill-Kummissjoni biex taħdem għal sistemi aktar sempliċi ta' indikaturi b'metodoloġija, terminoloġija u definizzjonijiet armonizzati, li jippermettu għbir aktar faċli tad-data biex tivvaluta l-prestazzjoni tal-politika ta' koeżjoni u l-Fondi SIE filwaqt li tissimplifika r-rappurtar;

III. Tranżizzjoni mingħajr xkiel bejn il-perijodi ta' programmar

- (28) JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-proposti legiſlattivi tagħha għal wara l-2020 malajr kemm jista' jkun wara l-preżentazzjoni tal-proposta għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE futur, u tkompli bil-kooperazzjoni mill-qrib u l-iskambju mal-Istat Membri dwar l-elementi ewlenin tat-tfassil ta' politika u t-twettiq matul il-proċess preparatorju għall-legiſlazzjoni l-ġdida;
- (29) JIKKUNSIDRA li għall-faċilitazzjoni u l-aċċelerazzjoni tal-implimentazzjoni fil-perijodu ta' programmar li jmiss, l-Istat Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jibdew il-preparazzjonijiet għall-programmi li jmiss kemm jista' jkun kmieni, b'hekk jippermettu li deċiżjonijiet vinkolanti dwar il-programmi jittieħdu kemm jista' jkun viċin iż-żmien tal-adozzjoni tal-legiſlazzjoni tal-UE;
- (30) JIKKUNSIDRA li l-legiſlazzjoni l-ġdida jenħtieġ li tipprevedi għodod, bħal 'phasing', sabiex ikun permess ċertu livell ta' kontinwità għal daww l-investiment fit-tul, li għalihom il-prijoritajiet, il-loġika ta' intervent, l-azzjonijiet li għandhom jiġi appoġġati eċċ ma inbidlux, u li l-implimentazzjoni tagħhom hi mifruxa matul żewġ perijodi ta' programmar;

IV. Użu futur ta' strumenti finanzjarji

- (31) JIKKUNSIDRA li waqt li l-użu ta' strumenti finanzjarji jenħtieġ li jibqa' fakultattiv, id-dispożizzjonijiet relatati mal-istrumenti finanzjarji għal wara l-2020 jenħtieġ li jinkoraġġixxu lill-Istati Membri u r-reġjuni li jimmobilizzaw daww l-istrumenti fejn u meta l-użu tagħhom jitqies adatt;

- (32) JIEĦU NOTA li l-għan primarju tal-istrumenti finanzjarji appoġġat mill-Fondi SIE hu li jitwettqu l-oġġettivi ta' politika u JISSOTTOLINJA li tali appoġġ jenħtieġ li jevita d-dupplikazzjoni mal-għodod finanzjarji diġà disponibbli fis-suq; JIKKUNSIDRA li l-istabbiliment, l-implimentazzjoni u r-rappurtar tal-istrumenti finanzjarji jenħtieġ li jiġu simplifikati b'mod sinifikanti; barra minn hekk, il-kombinazzjoni tal-istrumenti finanzjarji u l-għotjiet jenħtieġ li ssir ferm aktar faċli fil-perijodu ta' programmar li jmiss;
- (33) JIKKUNSIDRA li jenħtieġ li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn l-istrumenti finanzjarji taħt modi ta' ġestjoni diretti u kondiviżi;

V. Approċċ territorjali

- (34) JIKKUNSIDRA li l-approċċ integrat hu element essenzjali tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej; JIRRIKONOXXI li l-istrumenti territorjali tal-perijodu 2014-2020, bħall-Investimenti Territorjali Integrati (ITI), l-Iżvilupp Lokali Mmexxi Mill-Komunità (CLLD) jew assi ta' prijorità mħallta, jenħtieġ li jinżammu wara l-2020; Minkejja l-ispeċifitajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dawn l-istrumenti tkun fakultattiva u bbażata fuq strateġiji territorjali integrati u simplifikata b'mod sinifikanti għall-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni tal-istrumenti u l-adattament aħjar tagħhom għas-sitwazzjoni soċjoekonomika ta' tip speċifiku ta' territorju, u b'hekk tagħti lok għall-involviment ta' diversi entitajiet fit-twettiq ta' politiki pubbliċi mingħajr l-impożizzjoni ta' piż amministrattiv eċċessiv;
- (35) JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjun tal-fruntieri tal-UE"⁶ u JIEĦU NOTA SEW tas-suġġerimenti fiha rigward aktar azzjoni tal-UE mmirata għall-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni transkonfinali, inkluż lil hinn mill-2020 u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibilitajiet li testendi tali studji għall-fruntieri marittimi u daww aktar esterni tal-UE, kif adatt;

⁶ Dok. 13715/17 + ADD 1-3.

- (36) JIRRIKONOXXI l-valur miżjud tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea u JENFASIZZA li l-kooperazzjoni territorjali transkonfinali, transnazzjonali u interreġjonali, inkluż dik fil-fruntieri marittimi kollha u ma' pajjiżi terzi, jenħtieġ li tkompli tkun parti mill-Politika ta' koeżjoni wara l-2020, filwaqt li l-implimentazzjoni tal-programmi Interreg jenħtieġ li tiġi faċilitata sabiex jiżdiedu l-effetti tagħhom;
- (37) JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar speċjalizzazzjoni intelliġenti, intitolata "Insaħħu l-Innovazzjoni fir-Reġjuni tal-Ewropa: Strateġiji għal tkabbir reżiljenti, inklużiv u sostenibbli"⁷, inkluż l-azzjonijiet pilota li jittestjaw approċċi ġodda għall-proġetti ta' innovazzjoni interreġjonali u għal żoni li għaddejjin minn tranżizzjoni industrijali, kif ukoll azzjonijiet favur reġjuni anqas żviluppati;
- (38) JILQA' r-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Aġenda Urbana għall-UE⁸ u JIRRIKONOXXI li l-Aġenda Urbana tal-UE introduċiet mudell ġdid ta' sħubija u djalogu dirett bejn l-awtoritajiet urbani, l-istituzzjonijiet nazzjonali u Ewropej u partijiet oħra konċernati biex jiġu indirizzati sfidi urbani komuni; JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati membri biex ikomplu bir-rwol attiv fl-implimentazzjoni tal-Aġenda Urbana għall-UE; JISTENNA B'INTERESS ir-Rapport li jmiss tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda Urbana għall-UE;
- (39) JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE"⁹ u JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem fuq miżuri speċifiċi għar-Reġjuni Ultraperiferiċi f'konformità mal-Artikolu 349 TFUE rigward il-ħtiġijiet speċjali u l-opportunitajiet ta' dawk it-territorji;
- (40) JISTIENEN lill-Kummissjoni tkompli taħdem fuq miżuri speċifiċi għaż-żoni rurali, żoni affettwati mit-transizzjoni industrijali, u reġjuni li jġarrbu żvantaġġi naturali u demografiċi severi u permanenti bħar-reġjuni li jinsabu fil-partijiet l-aktar imbiegħda tat-tramuntana b'densità tal-popolazzjoni baxxa ħafna u gżejjer, reġjuni transkonfinali u muntanjużi f'konformità mal-Artikolu 174 TFUE.

⁷ Dok. 11426/17 + ADD 1.

⁸ Dok. 14599/17.

⁹ Dok. 12419/17 + ADD 1.